MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 249/2005/3

**Avviz Numru: 249/05/JAB**

**Martin u Filippa konjugi Chetcuti (ID 560645M u 605549M)**

**vs**

**Rosario (ID340144M) u Josephine konjugi Gatt**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-6 ta’ Ottubru 2010 il-Qorti tal-Appell ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***“Il-Qorti,***

*Fis-26 ta’ Mejju, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-*

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu 'l ghaliex ma ghandhomx ikunu kkundannati li jhallsu lill-istess atturi dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti ghal hsara li sofrew meta naqsu milli jirrifondu s-somma ta' erbgha u tletin elf lira maltin (Lm34,000) prezz imhallas mill-atturi ghall-akkwist ta' proprjeta` mmobiljari skont konvenju datat 20 ta' Dicembru 2000 (Dok A) li skada fl-20 ta' Gunju 2001. Ir-rifuzjoni tal-prezz saret permezz ta' cekk li ntbaghat flimkien ma' ittra legali datata 30 ta' Ottubru 2003 (Dok B).*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Dicembru 2003 kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.*

*Ghal fini ta' kompetenza jigi ddikjarat li l-ammont pretiz ma jaqbizx il-kompetenza ta' din il-Qorti.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 4 tal-istess atti) u li biha eccepew bir-rispett:-*

*1. Il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Art. 1027 u 2153 tal-Kap. 16.*

*2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ebda ammont ma hu dovut lill-atturi billi l-istess atturi qatt ma talbu r-refuzjoni tas-somma in kwistjoni la verbalment u wisq anqas b'att gudizzjarju.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 50 u fol 55 et seq ibid.*

*Rat ukoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fil-3 ta' Ottubru 2007 (fol 32 et seq ibid) u mill-Qorti tal-Appell fit-31 ta' Ottubru 2008 (fol 63 et seq ibid) u li bihom giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, sollevata mill-konvenuti.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-attur (fol 43 et seq ibid) permezz ta' 'affidavit' beda billi sostna illi l-konvenuti ghamlu arrikkiment illecitu fil-konfront tal-atturi. In rigward il-fatti hu xehed illi fl-20 ta' Dicembru 2000, kien sar konvenju ta' bejgh bejn l-istess partijiet u hu kien obbliga ruhu li jixtri proprjeta` minghand l-istess konvenuti. In konnessjoni ma dan hu kien hallas l-ammont ta' Lm34,000 lill-konvenuti u ghalhekk hu kien qed jippretendi li jithallas l-imghaxijiet fuq din is-somma billi din inzammet mill-konvenuti ghal kwazi sentejn wara li skada l-istess konvenju minhabba n-nuqqas li jigi pubblikat l-att finali ta' trasferiment. Sakemm saret ir-refuzjoni ta' din is-somma fl-2003, il-konvenuti kienu, skont l-attur, dejjem jghidulu li kienu lesti li jaghmlu konvenju gdid. In rigward is-somma mhallsa, il-pagament ma kienx sar f'daqqa izda ratealment anke wara li skada l-istess konvenju peress li l-konvenut kien wieghed illi l-istess konvenju skadut jigi imgedded. Inoltre minhabba din il-weghda, hu ma kienx talab, ghal certu perjodu ta' zmien, ir-refuzjoni tal-istess somma mhallsa.*

*Inoltre l-attur ghamel referenza ghal konvenju precedenti li kien sar fl-1992, dejjem fuq l-istess propjeta` u hu semma li s-somma involuta kienet digja bdiet tithallas minnu anke in konnessjoni ma' dan l-ewwel konvenju li kien skada ukoll. Dwar l-istess flus oltre l-imghaxijiet, hu kien qed jitlob ukoll*
*it-telf ta' qliegh in vista li din is-somma seta' juzaha fil-kummerc tieghu u jaqla minna, matul il-medda ta' zmien, '… mill-inqas id-doppju ta' tali ammont (ara wkoll l-'affidavit' ta' Emanuel Grech (fol 46 u fol 47 ibid) li kien l-'accountant' tal-attur fl-istess perjodu u li xehed dwar danni li sofrew l-atturi).*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-partijiet, permezz ta' verbal waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2010 (fol 48 ibid) kienu iddikjaraw u qablu:-*

*1. Illi l-konvenuti qatt ma kienu interpellati, permezz ta' ittra ufficjali sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali, permezz ta' att pubbliku.*

*2. Illi sar refuzjoni tal-ammont involut, deskritt bhala 'depositu', lill-attur mill-konvenuti, u l-atturi qatt ma kien interpella lill-konvenuti sabiex din irrifuzjoni ssir.*

*Ikkunsidrat*

*Illi mill-premess jidher li f'dan il-kaz kienu saru zewg konvenji bejn l-istess partijiet u fuq l-istess immobbli u bi spazju ta' zmien pjuttost twil bejniethom, liema konvenji skadew minghajr ma hadd mill-partijiet interpella lill-iehor, b'att gudizzjarju ossija ittra ufficjali, sabiex jissalvagwardja d-drittijiet taghhom rispettivi naxxenti mill-istess konvenji. Cjononostante jidher li l-atturi komplew jhallsu ratealment is-somma involuta li telghet ghal Lm34,000 kemm waqt li l-konvenji kienu ghadhom 'in vigore' kemm wara l-iskadenza taghhom. L-attur iggustifika dan billi qal li l-konvenut kien dejjem jwieghdlu jew li jiggedded il-konvenju skadut jew li ser jersaq ghall-att pubbliku finali. Eventwalment meta ghaddew ftit aktar minn sentejn mit-tieni konvenju, l-attur ircieva l-ammont kollu lura u issa qed jitlob id-danni oltre l-imghax skont il-ligi.*

*Ikkunsidrat*

*Illi mil-lat legali gew konsiderati s-segwenti fatturi sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha. Lewwel artikolu konsiderat hu dak enumerat 1139 tal-Kodici Civili fejn jinghad illi, hlief f'zewg kazijiet specifikati fih li ma humiex applikabbli f'dan il-kaz, meta l-obbligazzjoni hi limitata ghall-pagament ta' somma gja determinata, id-danni risultanti minn hlas moruz tal-istess somma ghandhom jikkonsistu biss fil-hlas ta' imghax bir-rata ta' 8%. Minhabba dan l-artikolu u in vista li l-bazi ta' din l-azzjoni hi nnuqqas ta' hlas ta' somma certa meta din saret dovuta, ma tistax tigi akkolta t-talba ghal danni fuq bazi ta' telf ta' qliegh, kif reklamat mill-atturi. It-tieni artikolu konsiderat hu dak enumerati 1141(1) u (2) tal-istess Kodici Civili li jirregola meta jibda jiddekorri l-istess imghax*

*f'kaz ta' obbligazzjoni kummercjali jew civili. F'dan il-kaz, jidher li l-obbligazzjoni, li giet ritenuta fis-sentenza tal-appell citata (ara fol 68 u 69 tal-atti) bhala wahda kontratwali u mhux kwazi kontrattwali jew delittwali, mill-provi prodotti, kienet ta' natura civili. Dan premess trid topera l-limitazzjoni specifikata fl-istess artikolu fis-sub-inciz (2) fis-sens li talba bhal din tista' tigi akkolta minn dak in-nhar li ssir sejha ghall-pagament tas-somma involuta permezz ta' att gudizzjarju. F'dan il-kaz l-ewwel att gudizzjarju li gie presentat hu l-avviz in ezami li gie presentat fit-28 ta' April 2005. Pero' jidher mill-provi illi l-ammont ossija kapital kien, digja, gie imhallas fit-30 ta' Ottubru 2003. Dwar dan jinghad illi fl-istess avviz, jinghad illi kienet giet presentata ittra ufficjali fil-5 ta' Dicembru 2003, liema ittra filfatt giet presentata wara l-imsemmi pagament. Difatti kif jidher mill-verbal gja citat u li jinsab a fol 48 ibid, qatt ma kienet giet presentata ittra ufficjali ghar-refusjoni tal-ammont involut bhala kapital.*

*Ikkunsidrat*

*Illi ghalhekk, mil-lat purament legali jidher li dak mitlub ma jistax jigi akkolt avolja jinghad ukoll 'obiter' illi jissusisti l-obbligu morali dwar il-hlas ta' imghax ghall-perjodu involut.*

*Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li tilqa it-tieni (2) eccezzjoni tichad it-talbiet attrici kif dedotti waqt li l-ispejjes fic-cirkostanzi li hawn fuq esposti ghandhom jithallsu kollha kemm huma mill-konvenuti.***"**

*Tnejn huma l-aggravji li l-atturi jissollevaw fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza, u cjoe li:-*

*1. L-azzjoni taghhom kienet fondata fuq l-arrikkiment indebitu a norma tal-Artikolu 1028A tal-Kodici Civili;*

*2. L-Artikolu 1141 (2) tal-istess Kodici lanqas ma kien applikabbli ghaliex ghal kaz kien jghodd l-Artikolu 1141 (1) trattasi li l-konvenju maghmul fl-20 ta' Dicembru, 2000 kien jirreferi ghall-akkwist maghmul fil-kummerc u kwindi l-*

*obbligazzjoni kienet ta' natura kummercjali u tali ma kinetx tinnecessita sejha b'ittra ufficjali;*

*Fuq l-ewwel aggravju jigi rilevat f'tema ta' dritt illi mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1028A u 1028B, kombinati flimkien, jemergu l-hames presupposti li jridu simultanjament jikkoezistu ghall-iskop ta' l-azzjoni de in rem verso, u cjoe:-*

*i. l-arrikkiment;*

*ii. id-dannu;*

*iii. il-korrelazzjoni bejn id-dannu u l-arrikkiment;*

*iv. il-mankanza ta' kawza gusta;*

*v. il-mankanza ta' azzjoni ohra mil-ligi prevvista;*

*Gja qabel l-introduzzjoni tal-principju fil-Kodici Civili bl-Att VII ta' l-2007, il-Qrati taghna kienu jsostnu l-validita` tal-azzjoni fuq l-affermazzjoni antika tal-**Pomponio** (**L. 206 fr. de regulis juris**), "iure naturae aequum est, neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem". Wiehed, imbaghad, ma jistax ma jinnotax illi meta l-legislatur introduca statutorjament il-principju huwa kkollokah bejn l-atti u l-fatti produttivi ta' obbligazzjonijiet, diversi sija mill-kuntratt u mid-delitt jew mill-kwazi-delitt. Similment ghan-negotiorum gestor u l-indebiti solutio l-arrikkiment indebitu hu fonti iehor ta' obbligazzjoni;*

*Premess dan, id-dottrina u l-gurisprudenza jirrakaratterizzaw l-azzjoni bhala wahda sussidjarja. Li jfisser koncettwalment li hu rimedju estrem li jista' jigi invokat meta l-qaghda, li tkun holqot l-iskwilibriju bejn il-partijiet, ma tkunx tista' tigi regolata b'xi mezz iehor rikonoxxut mil-ligi. Din l-interpretazzjoni restrittiva tinzel propju mill-Artikolu 1028B, Kodici Civili b'tali mod li ssussidjarjeta` hi strument ta' kontroll ghat-twessigh tal-kamp operattiv tal-azzjoni. Jekk allura tezisti azzjoni ohra esperibbli marbuta ma' kuntratt jew mal-weghda tieghu permezz ta' konvenju s-sussidjarjeta` ma tqumx ghaliex l-*

*attur ikollu jipprocedi kontra l-arrikkit in bazi ghal dak il-kuntratt jew tal-promessa tieghu. Ara fost ohrajn fuq it-tema ta' dan il-principju s-sentenzi fl-ismijiet "**Rokku Bugeja vs George Micallef**", Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Marzu 1950 u "**Joseph Cachia vs Yellow Fun Limited**", Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru, 2005. Ukoll, l-azzjoni ma tistax tigi proposta per impliciter f'talba bazata fuq titolu partikolari ghaliex, kif dottrinalment profess, "l'azione generale di arricchimento si differenzia da ogni altra azione sia per presupposti che per limiti oggettivi ed integra una azione autonoma per diversita` di 'causa petendi' rispetto alle azioni fondate su titolo negoziale. Siffatta specificita` del titolo dell'azione di indebito arricchimento fa si che la questione della sua individuazione esorbita dai limiti della mera qualificazione della domanda originariamente formulata" (**Trabucchi "Arricchimento"**, ct 74 u **Trimarchi "L'arricchimento senza causa**", ct 42). Naturalment, l-azzjoni "de in rem verso", qua azzjoni sussidjarja, tircievi l-applikabilita` shiha taghha ghal kaz fejn in-negozju guridiku intervenut bejn id-danneggjat u l-arrikkit jirrizulta li "(a) huwa null, u li minnu kwindi ma titwieledx azzjoni, (b) jew li jkun gie rizolut, (c) jew li tonqos fih il-kawza". Ara "**Vincent Parnis vs Avv. Dr. Giuseppe Vella et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Novembru, 1955;*

*Issa fil-kaz in ezami kienu jezistu konvenji bejn il-partijiet li fuqhom l-atturi kienu ghaddew lill-konvenuti s-somma komplessiva ta' Lm34,000. Jinghad li l-konvenji skadew fl-2001 u li l-precitata somma giet ritornata lura mill-konvenuti*
*lill-atturi fl-2003. L-atturi ppretendew id-danni minghand il-konvenut konsistenti minn imghaxijiet ghal sentejn u konsegwentement ipproponew l-azzjoni de quo ghal dak li huma ddiskrivew bhala "arrikkiment illecitu".*

*Huwa rilevanti li jigi sottolinejat illi hadd mill-partijiet kontraenti ma intavola att gudizzjarju skont il-previzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 1357 (2) Kodici Civili u allura l-effett tal-weghda spicca bid-dekors taz-zmien. Kif saput, "meta jaghlaq iz-zmien li konvenju jibqa' jorbot u ebda wahda mill-partijiet ma tkun hadet il-passi mehtiega sabiex*

*igieghel lill-parti l-ohra tersaq ghall-kuntratt ta' bejgh u xiri, il-konvenju jitlef l-effikacja tieghu u dakinhar li jiskadi, il-partijiet jergghu lura ghall-istatus ante quo." Ara "***Loreto Abela vs Teresa Spiteri***", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1989. Jikkonsegwi minn dan illi kellha tkun l-ittra ufficjali li tqieghed in mora lil min irceva d-depozitu naxxenti mir-rapport kostitwit mill-konvenji, u la dan ma sarx hekk fil-kaz*
*prezenti, u l-konvenji thallew jiskadu, min ikun ivversa dawk id-depoziti jkun intitolat iva ghar-rifuzjoni taghhom (kif hekk fil-fatt sar f'dan il-kaz) izda mhux aktar minn hekk. Fiz-zgur mhux intitolat ghall-azzjoni ghad-danni jew ghar-reklam ta' hlas ta' danni konsegwenzjali. Ara "***Melanie Brownrigg et vs Taddeo Camilleri***", Appell Civili, 22 ta' Frar, 1990, "***Karl Bonello et vs Emanuel Baldacchino et***", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999 u "***Aldo Ciantar vs Alfred Vella et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Novembru 1998, fost bosta ohrajn. Fiz-zgur ukoll, ma kinetx tikkompeti lill-appellanti l-azzjoni de in rem verso ghaliex, fil-fattispeci, lanqas ma tezisti xi wahda mill-ipotesijiet esposti fis-sentenza "***Parnis vs Vella***" fuq citata. Ir-rapport negozjali gie fix-xejn minhabba l-inazzjoni tal-istess atturi appellanti li jattivaw ruhhom in bazi ghall-konvenji bl-istrument legali lilhom koncess mid-dipost tal-Artikolu 1357 (2). F'dawn ic-cirkustanzi, huma ma setghux jirrikorru ghall-espedjent ta' l-azzjoni sussidjarja tal-arrikkiment indebitu.*

*F'kull kaz ukoll il-pretensjoni taghhom ghad-danni konsistenti fit-telf ta' imghaxijiet tfalli wkoll fuq il-livell ta' dak ikkontemplat mil-ligi fl-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili.*

*Bhala stat ta' fatt jirrizulta illi d-depoziti li saru fuq il-konvenju gew rimborsati lura lill-appellanti qabel ma giet istitwita l-kawza. Jirrizulta wkoll, jew ahjar ma jirrizultax dak allegat mill-appellanti illi l-immobbli, oggett tal-konvenju, kien intiz ghal skopijiet kummercjali. Apparti li l-atti tal-konvenji ma gewx esebiti, kull ma jirrizulta hi l-allegazzjoni tal-attur illi hu, dawk il-flejjes li ghadda b'depozitu, seta' jutilizzahom ghall-iskop tal-kummerc tieghu (ara Affidavit tieghu a fol. 43). L-affari ma kinetx*

*allura wahda kummercjali biex seta' forsi jinghad illi kienet operanti d-disposizzjoni tal-Artikolu 1141 subinciz (1) ghad-dekorriment ipso jure tal-imghaxijiet.*

*Meta tali hu l-kwadru kif jinzel mill-atti istruttorji, kien doveruz fuq l-atturi appellanti illi fejn l-imghax ma jkunx miftiehem dan jibda jghaddi mid-data li fiha l-kreditur gudizzjarjament jinterpella lid-debitur tieghu ghall-hlas. "Per far decorrere gli interessi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**O'Connor -vs- Bruno Olivier**", **Kollez. Vol. XVI P I p 84**). Dan ghaliex il-kreditu jsir esegwibbli u l-interessi jkunu dovuti appena l-kreditur jirreklama l-hlas b'att gudizzjarju [Artikolu 1141 (2) Kodici Civili u s-sentenzi fl-ismijiet "**Rita Coleiro vs Joseph Coleiro**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u "**Silvio Mifsud vs Neville Mifsud et**", Appell Inferjuri, 24 ta' Marzu 2000]. Ukoll hawnhekk l-atturi appellanti naqsu li jottemperaw ruhhom mad-dettami tal-ligi.*

*Huwa, imbaghad, ghal kollox barra minn loku illi l-appellanti*
*jittantaw igibu 'l quddiem xi incidenza ta' ghemil doluz da parti tal-appellati ghall-fatt li dawn illuzingawhom bit-tigdid tal-konvenju. F'dan il-kaz il-Qorti ma tirravviza ebda raggiri frawdolenti, ebda artifizji gravi, adoperati "quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente". Ara "**Farrugia Guy utrinque**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 u "**Joseph Mifsud nomine vs Paul Tanti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Frar, 1965 fost il-bosta ezemplari fuq issuggett.*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jistghux ma jkollhomx riperkussjoni fuq il-versanti tal-kap tal-ispejjez li l-ewwel Qorti akkollat fuq il-konvenuti appellati, issa oggett tal-appell incidentali sottopost lil din il-Qorti mill-istess appellati.*

*Huwa principju pacifikament akkolt illi s-sokkombenti ma jistax jigi mehlus mill-hlas tal-ispejjez, ammenokke ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju. Ad ezempju, f'dawk il-*

*kazijiet fejn il-proceduri gudizzjarji jsiru fl-interess esklussiv tal-attur, fejn il-konvenut ma jkollu verament ebda interess li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. In propozitu s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Jannar, 1908 in re: "**Giuseppe Galea vs Maria Galea**".*

*Fil-kaz in ezami ma jidherx li kien indikattiv mill-perspettiva*
*tal-logika, ir-raguni guridika u ghas-sens ta' gustizzja illi, fl-assenza ta' gustifikazzjoni legali, il-konvenuti appellati, rebbieha fil-gudizzju, jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez tal-kawza, jekk huma ragonevolment ghamlu uzu minn dritt li kien jispetta lilhom bhala difiza u kienu, anzi, l-atturi appellanti li ma ottemperawx ruhhom li jsegwu d-dettami tal-ligi ghat-tutela tad-drittijiet proprji.*

*Ghall-kunsiderazzjonijiet kollha premessi din il-Qorti qed tichad l-appell principali tal-atturi. Tilqa' invece l-appell incidentali tal-konvenuti appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.*

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Martin u Filippa konjugi Chetcuti datat 4 ta' Jannar 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka u thasssar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2010 u tilqa' t-talba ghar-ritrattazzjoni mill-gdid ta' din il-kawza.

Rat li l-atti ta' din il-kawza gew imdahhlin fl-4 ta' Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-konvenuti ritrattati Rosario u Josephine konjugi Gatt datata 24 ta' Frar 2011 a fol 13 tal-process fejn jghidu li t-talba tal-atturi rittrattandi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' April 2011 fejn meta ssejjhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit Maempel ghar-ritrattat u Dr. Frank Cassar ghar-ritrattandi li rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Qorti fl-ismijiet premessi datata 6 ta’ Ottubru 2010 u l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ ritrattazzjoni abbazi tal-**artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap. 12.** Dwar l-ewwel artikolu inghad li kellhu jigi applikat l-**artikolu 1141 (1) tal-Kap. 16** jew l-**artikolu 1028 A** u mhux **l-artikolu 1357 (2),** izda intqal li anke jekk kellhu jigi applikat l-**artikolu 1357 (2)** dan gie applikat hazin.

Illi jinghad li l-Qrati taghna gew diversi drabi affaccjati b’talbiet simili a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u l-gurisprudenza f’dan is-sens hija wahda kostanti. Sentenza ricenti u rilevanti f’dan is-sens u li tissintetizza l-hsieb tal-Qrati lokali f’dan l-ambitu hija **“Malta Development Corporation vs Medcast Foundry Limited”** (A.C. – 14 ta’ Ottubru 2008) li rriteniet illi:-

*“In tema legali jigi osservat illi jinsab stabbilit illi fil-gurisprudenza, li fil-kaz ta’ ritrattazzjoni bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Ghalhekk f’dan l-istadju m’ghandux isir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu ivvalutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew diterminati u vvalutati fis-sentenza impunjata. [App. S. Xuereb utrinque 20.1.1992]. Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve predersi per unica base il fatto come stabbilito dalla Corte della sentenza impugnata.” [Vol. XXVII.I.43)”.*

Illi hu stabbilit anke fis-sentenza **“Gerard Desira et vs Joseph Barbara”** (A.I.C. (RCP) – 27 ta’ Jannar 2010) illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta illi l-Qorti tkun

applikat il-ligi hazina ghall-fatti, u mhux jekk tapplika l-ligi ghal dawk il-fatti hazin. *“L-ipotesi ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti.”*

*“… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew vvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata”.*

*“Ikun hemm lok ta’ interpretazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq dawk il-fatti ppruvati, ikun jidher illi l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi <u>minflok ohra</u> li kellha proprjament tigi applikata …. [cioe`] applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b’mod hazin.”* (sottolinear tal-Qorti).

Illi f’dan is-sens hemm serje ta’ sentenzi ohra fuq dan il-punt fosthom **“Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar”** (A.C. - 6 ta’ April 2005); **“Alfred Grech et vs Joseph Muscat et”** (A.C. - 28 ta’ Jannar 2005); **“Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe”** (A.C. – 24 ta’ Settembru 2004); **“Guido Vella J A & CE vs Dr. Emmanuel Cefai”** (A.C. 27 ta’ Marzu 2003); **“Emmanuel Demanuele et vs Fast Food Services Ltd”** (A.C.- 2 ta’ Gunju 2003); **“Michael Charles Gauci vs Alfred Vella pro et noe”** (A.C.-10 ta’ Ottubru 2003); u **“Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius”** (A.C. - 24 ta’ Novembru 2003).

Illi, konsistentement ma’ dan l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza deciza fl-20 ta’ Jannar 1992 inghad illi:-

*“Jista’ jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk that is-subinciz (e), jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat.”*

Illi hekk ukoll fil-kawza **"Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et"** deciza fl-24 ta' Jannar 1997 l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet a propositu li:-

*"Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta' ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati. ………. Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tall-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti."*

Illi konsistentement ma' dan, il-Qrati Maltin dejjem irritenew illi sabiex treggi kawza ghal ritrattazzjoni taht l-**artikolu 811(e)** ma jistghux jigu ezaminati l-fatti mill-gdid. Fil-kaz, **"Dr. Alfred Grech et vs Joseph Muscat et"** ( A.C. 28 ta' Jannar 2005) (Rikors 392/1993), inghad kif gej:-

*"Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha propjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok qhal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina qhall-kaz, u mhux li applikat il-liqi t-tajba b'mod hazin"*

Illi f'dan l-isfond ma hemm ebda dubju li f'dik il-parti tar-rikors tar-ritrattand fejn qed jinghad li saret interpretazzjoni zbaljata ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 1357 (1) u (2)** dan certament ma jaqax fil-parametri ta' talba ta' ritrattazzjoni abbazi tal-**artikolu 811 (e)** proprju ghaliex ir-rittrattand qed jilmenta fuq interpretazzjoni hazina ta' ligi u mhux

applikazzjoni hazina ta' ligi. Dan apparti l-fatt li l-interpretazzjoni hija wkoll korretta kif gie deciz fil-kawzi **"Melanie Brownrigg et vs Taddeo Camilleri"** (A.C. – 22 ta' Frar 1990); **"Karl Bonello et vs Emanuel Baldacchino et"** (A.C. – 6 ta' Ottubru 1999); **"Aldo Ciantar vs Alfred Vella et"** (P.A. – 18 ta' Novembru 1998); **"Angelo Zahra vs John Parnis England et"** (A.C. – 30 ta' April 2009); u **"Joseph Vella et vs Chrismarmig Company Limited et"** (P.A. (RCP) – 26 ta' Marzu 2009) fejn inghad li:-

*"………* l-**artikolu 1357 tal-Kap. 16** jipprovdi li:-

**1357.** (1) *Il-weghda ta' bejgh ta' haga bi prezz determinat, jew bi prezz li ghandu jigi stabbilit minn persuna wahda jew izjed bhalma jinghad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgh; izda, jekk tigi accettata, iggib, f'dak li wieghed, l-obbligu li jaghmel ilbejgh, jew, jekk il-bejgh ma jkunx jista' izjed isir, l-obbligu li jhallas id-danni lill-accettant*.

(2) *L-effett ta' din il-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bhal dak, meta jghaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgh ikun jista' jsir, kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien*.

*Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-atturi ma' prezentaw l-ebda ittra ufficjali qabel ma' skada l-istess konvenju u ghalhekk l-effetti tal-istess konvenju skadew u ghalhekk il-konvenju tilef l-effikacja tieghu (**"William Gatt et vs Realco Developments Limited"** – P.A. (RCP) – 21 ta' Ottubru 2001) u b'hekk l-partijiet jirrivertu ghall-posizzjoni li kienu qabel ma' sar l-istess konvenju **("Jason Formosa et vs Carmelo Sammut et"** – P.A. (PS) – 28 ta' April 2003; **"Edward Portelli et vs Hector Cassola"** (P.A. (GV) – 30*

*ta' April 2004) b'dan li kollox jerga' jmur ghall-istatus ante quo.*

*Illi l-konsegwenza ta' dan hija li ovvjament li jithallas lura d-depositu akkont tal-prezz li thallas fuq il-konvenju (**"Joseph Cauchi vs Anthony Vassallo" –** P.A. (TM) – 11 ta' Dicembru 2003); **"Pace vs Dimech"** – P.A. – 30 ta' Settembru 1985; **"Abela vs Spiteri"** – P.A. – 14 ta' Lulju 1988; **"Baldacchino vs Galea"** P.A. – 25 ta' Gunju 1992; **"Loreto Abela vs Teresa Spiteri"** – A.C. – 30 ta' Ottubru 1989; **"Pauline Manche vs Joseph Farrugia et"** – A.C. – 6 ta' Ottubru 1999; **"Schembri vs Camilleri"** A.C. – 27 ta' Frar 1988). F'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta qed tigi milqugha.*

*Illi fil-fatt li meta wiehed jonqos li jibghat tali ittra ufficjali li tinterpella lill-parti l-ohra sabiex jersaq ghall-konvenju, l-ammont li jithallas bhala akkont tal-prezz fuq konvenju ghandu bhala regola jithallas lura lill-kompratur jekk il-bejgh bejn il-partijiet ma' jsirx **("Victor Cini vs Andrew Agius et"** – A. K. 9 ta' Marzu 1988); **"Carmelo Cassar Limited vs Joseph Bezzina et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Mejju 2002; **"Anthony Mamo et vs Joseph Penza et"** – P.A. (RCP) 17 ta' Jannar 2001; **"Carmelo Sciberras et vs Nazzareno Muscat et"** – P.A. (RCP) – 20 ta' Ottubru 1999; u **"Christine Cassar Torregiani vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maestre nomine"** (A.C. – 25 ta' Mejju 2007).*

*Illi ghall dak li jirrigwarda t-talbiet attrici l-ohra jinghad li la darba l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess konvenju thallew jiskadu mela allura ma hemmx lok ghall-azzjoni ta' danni – u dan ghaliex l-istess atturi ma' hadux hsieb li jipproteggu l-interessi taghhom skond id-disposizzjoni tal-istess artikolu, bl-ispedizzjoni ta' ittra ufficjali skond is-sentenzi fuq indikati u dik fl-ismijiet **"Aldo Ciantar vs Alfred Vella"** – P.A. (GMB) – 18 ta' Novembru 1998 – Vol. VLXII.ii. 828). Dan huwa bizzejjed sabiex jinghad li l-azzjoni attrici in kwantu jirrigwardaw it-talbiet attrici ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ma' jistghux jigu milqugha; ma jidhirx li din il-Qorti hemm bzonn tidhol fil-portata tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-*

*ismijiet* ***"Gloria Pont vs J.L.J. Construction Limited"*** *(A.C. – 1 ta' Frar 2008 li mxiet fuq dak li inghad fis-sentenza fuq citata* ***"Joseph Cauchi vs Anthony Vassallo"*** *(P.A. (TM) – 11 ta' Dicembru 2003), u dan peress li f'dan il-kaz lanqas l-ittra ufficjali skond id-disposizzjonijiet tal-****artikolu 1357 (2)*** *ma saret, ahseb u ara c-citazzjoni msemmija fl-istess decizjoni".*

Illi dwar l-istess **artikolu 811 (e)** ir-ritrattand sostna li la darba l-Qorti ma applikatx l-**artiklu 1357** mela allura kienet zbaljata meta applikatx l-**artikolu 1028 A,** ghaliex allura la darba ma gietx applikat l-**artikolu 1357,** l-unika rimedju li kellu l-attur kien proprju bl-**artikolu 1028A.** Dan pero' huwa wkoll argument zbaljat, peress li l-applikazzjoni tal-**artikolu 1357** ma kienitx possibbli f'din il-kawza ta' danni, proprju ghaliex l-atturi/ritrattandi bl-ebda mod ma interpellaw lill-konvenuti b'ittra ufficjali sabiex jersqu ghall-esekuzzjoni tal-konvenju,u b'hekk qatt ma poggew lill-parti l-ohra in mora; mela allura kien l-agir taghhom stess li wassal sabiex ma jigix applikat l-**artikolu 1357 tal-Kap. 16,** u allura jigi li r-rittrattandi kellhom azzjoni disponibbli ghalihom, u allura l-**artikolu 1028 A** ma setax jidhol in vigore. Fil-fatt din il-Qorti diversament presjeduta kienet cara fuq dan il-punt meta sostniet li:-

*"Fiz-zgur ukoll, ma kinetx tikkompeti lill-appellanti l-azzjoni de in rem verso ghaliex, fil-fattispeci, lanqas ma tezisti xi wahda mill-ipotesijiet esposti fis-sentenza "****Parnis vs Vella****" fuq citata. Ir-rapport negozjali gie fix-xejn minhabba l-inazzjoni tal-istess atturi appellanti li jattivaw ruhhom in bazi ghall-konvenji bl-istrument legali lilhom koncess mid-dipost tal-Artikolu 1357 (2). F'dawn ic-cirkustanzi, huma ma setghux jirrikorru ghall-espedjent ta' l-azzjoni sussidjarja tal-arrikkiment indebitu".*

Illi ghalhekk anke fuq din il-bazi t-talba ghar-ritrattazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e)** hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u qed tigi michuda.

Illi dwar il-lamentela fil-kuntest tal-**artikolu 811 (l)** fejn qed jinghad li kien is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, fejn ir-ritrattand qed

isostni li la darba r-ritrattand kien intitolat ghar-rifuzjoni tas-somma huwa kien intitolat ghal tali rifuzjoni tempestivament, u allura kellu jiddekorri imghax fuq l-istess, b'dan ghalhekk li la darba l-Qorti sostniet li l-attur kien ghamel il-konvenju bi skop kummercjali mela allura l-Qorti ma setghatx tikkonkludi li l-affari ma kienitx kummercjali.

Illi dwar dan, il-Qorti thoss li r-rikorrenti qed ihallat haga ma ohra, fejn jidher li xorta wahda ghadu qed jikkontesta li kellhom jghaddu l-imghax fuq is-somma mid-data minnu pretiza, ghaliex ma kienx hemm htiega ta' ittra ufficjali sabiex il-konvenut jitpogga in mora; certament li dan ma jammontax ghall-izball ta' fatt li jidher mill-atti tal-kawza, izda xorta wahda tikkonsisti fuq interpretazzjoni tal-ligi applikabbli moghtija mill-Qorti u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ta' ritrattazzjoni fuq din il-bazi, li ghalhekk qed tigi michuda wkoll. Jinghad ukoll li dan kien punt kontestat bejn il-partijiet u la darba dan huwa l-kaz, ma tistax issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie kkontestat u deciz fis-sentenza attakkata, u dan ghaliex dan allura jigi appell iehor, li certament il-Ligi ma tridx li jkun hemm, u l-istitut ta' ritrattazzjoni mhux intiz sabiex ikun it-tielet grad ta' appell.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta ta' Rosario Gatt et datata 24 ta' Frar 2011 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-ritrattandi Martin Chetcuti et fir-rikors taghhom datat 4 ta' Jannar 2011** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess ritrattandi Martin Chetcuti et.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------